MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 558/2003

**Charles Darmanin & Company Limited**

**vs**

**Baymart Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tlett mija hamsa u sebghin Liri Maltin u tlett centezmi (LM4,375.03,0), import tal-prezz ta' diversi merci lilha mibjughin u kkonsenjati mis-socjeta' attrici**

**skond prospett datat (Dok. "A", "A1 – A4") rilaxxat mis-socjeta' attrici fir-rigward taghha;**

**2. Bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv;**

**3. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Settembru tas-sena 2003; l-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru tas-sena 2003; kif ukoll il-mandat ta' Qbid numru 2427/03 NS u l-mandat ta' sekwestru 2428/03 li gewipprezentati kontestwalment mal-avviz odjern;**

**4. Is-socjeta' konvenuta hija ngunta permezz tar-rappresentant legali taghha sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata il-5 ta' Dicembru tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta ammettiet it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant in vista ta' l-ammissjoni fuq riferita din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Baymart Ltd biex thallas lis-socjeta' attrici Charles Darmanin & Company Limited l-ammont ta' erbat elef tlett mija hamsa u sebghin Liri Maltin u tlett centezmi (LM4,375.03,0), bl-ispejjez inkluzi l-imghaxijiet kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------